**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta' Mejju, 2017

Rikors Guramentat numru : 168/12 AL

**A B**
**vs**
**C C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi minn relazzjoni li l-kontendenti kellhom barra z-zwieg, twieldet Y B fit-tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006), li llum ghandha hames (5) snin - Certifikat tat-twelid anness u markat bhala Dokument 'A'.

2. Illi l-partijiet irregolaw il-pendenzi dwar il-minuri Y B in forza ta' skrittura privata, li giet inkorporat f'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 25 ta' Jannar 2011, anness u markat bhala Dokument 'B'.

3. Illi l-partijiet qablu li l-kura u l-kustodja tal-minuri Y ghandha tigi fdata f'idejn il-partijiet konguntivament, b'dan illi l-affidament ta' l-istess minuri jigi assenjat lill-omm, salv dritt ta' access a favur il-missier.

4. Illi c-cirkostanzi nbidlu drastikament minn dakinhar li gie ffirmat dan il-ftehim u minn meta nghata d-digriet relattiv, billi l-intimata qed tikkoabita ma' certu E M, wara li dan hareg mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fejn kien residenti, u difatti ftit ilu welldet tarbija li taghha l-imsemmi E M hu l-missier naturali.

5. Illi l-imsemmi E M hu kriminal notorju, maghruf sew partikolarment mal-Pulizija bhala individwu mill-aktar refrattarju, perikoluz u li ma jitrazzanx, u kellu diversi kundanni anke` karcerarji kontrih mill-Qrati ta' Gurisdizzjoni Kriminali.

6. Illi in forza ta' digriet datat 15 ta' Mejju 2011 , li qed jigi anness u markat Dokument 'C', din l-Onorabbli Qorti diga pprovdiet, fuq rikors tar-rikorrent, u ordnat lill-intimata sabiex immedjatament tieqaf milli fi kwalunkwe` hin u cirkostanza tesponi lill-minuri Y B ghall-presenza tal-istess E M; madanakollu l-intimata injorat kompletament l-ordni tal-Qorti u ghadha qed tippersisti illi tesponi lil bintha ghall-istess persuna, billi ghazlet l-interess personali taghha fuq dak tal-minuri Y, u aktar minn dan, issa l-intimata qed tghix flimkien mal-imsemmi E M u maghhom qed tabita l-minuri Y B.

7. Illi r-rikorrent hu ferm preokkupat bil-fatt li bintu minuri qed tigi esposta ripetutament ghall-presenza tal-imsemmi E M mill-intimata ommha, li jirrapprezenta periklu kbir ghall-minuri. Jirrizulta li fil-passat, il-Qorti tal-Appelli Kriminali kienet, f'sentenza li nghatat kontra E M, ikkummentat *obiter* li

8. Illi *di piu'* hu mehtieg li dan l-agir tal-intimata jieqaf immedjatament sabiex titwaqqaf il-hsara psikologika li qed tigi rrekata lill-minuri Y B, u kif ukoll sabiex l-ordni ta' din l-

Onorabbli Qorti ma tibqax tigi sfidata – u l-uniku rimedju ghal dankollu hu li l-intimata tigi zvestita mill-kura u kustodja tal-minuri Y B, u li l-kura u kustodja tigi fdata lir-rikorrenti, b'access ezercitabbli taht supervizjoni favur l-intimata jekk ikun il-kaz.

9. Illi l-intimata naqset milli tattendi ghal diversi seduti ffissati mill-medjatur dwar din il-pendenza, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

10. Illi l-esponent talab u ottjena l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex jipprocedi f'dina l-istanza kontra l-intimata skont ma jirrizulta mid-digriet anness datat 30 ta' Mejju 2012 - Dokument 'D' anness.

Talab ghar-ragunijiet premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

i. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Y B lir-rikorrent A B esklussivament, u tordna li l-minuri ghandha tghix mar-rikorrent, u ghalhekk taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni fosthom billi tirriforma d-digriet datat 25 ta' Jannar 2011 u l-ftehim li wassal ghall-istess digriet in kwantu inkompatibbli ma' din it-talba, u bi dritt ta' access supervizjonat favur l-intimata biss jekk ikun il-kaz.
ii. Tordna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrent ghall-bint minuri Y B dik ir-retta alimentarja dovuta skont il-ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-bint minuri, u ordni ghall-hlas dirett mill-paga taghha, li ghandhom jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, u ghaldaqstant tirriforma d-digriet datat 25 ta' Jannar 2011 u l-ftehim li wassal ghall-istess digriet in kwantu inkompatibbli ma' din it-talba,
iii. Subordinatament u biss fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thalli l-affidament tal-kura u kustodja ezercitabbli miz-zewg kontendenti, tirrevedi l-modalita'

tal-access tar-rikorrent ghall-minuri Y B u dan fl-interess suprem tal-istess minuri.

Bl-ispejjez kontra l-intimata, minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha eccepiet: fol 37

Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-allegazzjonijiet mressqa mir-rikorrent fir-rikors guramentat tieghu huma nveritieri u ntizi biss sabiex jitfghu dell ikrah fuq l-esponenti u s-sieheb taghha, u dan kif sejjer jigi ppruvat ahjar fil-kors tal-kawza.

2. Illi minghajr pregudizzju, l-Artikoli 16 u 17 tal-iskrittura privata ta' bejn il-partijiet li permezz taghha huma rregolaw l-aspetti kollha rigwardanti binthom minuri, jipprovdu propju ghal sitwazzjoni fejn ikun hemm terzi persuni, u l-esponenti ssostni u tirribadixxi illi hija qeghdha tosserva dawn il-kundizzjonijiet fl-intier taghhom.

3. Illi minn qari tal-istess rikors guramentat jidher car illi dan jikkontjeni biss allegazzjonijiet u supposizzjonijiet dwar l-esponenti u s-sieheb taghha u mkien ma ntqal li l-minuri Y qeghdha b'xi mod tigi nfluwenzata hazin – u dan propju ghaliex ma huwiex il-kaz! Dak kollu kontenut fl-imsemmi rikors guramentat huwa skorret u ddedat biss minn pika u ossessjoni tar-rikorrent li jikkontrolla hajjet l-esponenti.

4. Illi minghajr pregudizzju, altru milli tassoggetta lil bintha ghal xi tip ta' periklu, l-esponenti dejjem poggiet l-interessi ta' Y l-ewwel u qabel kollox u hekk bi hsiebha tkompli taghmel, nonostante t-tentattivi tar-rikorrent illi jhammeg isem l-esponenti u jitfa` d-dubji fuq ir-rwol taghha ta' omm u kif ukoll l-hsara u l-problemi kollha illi jpoggi ir-rikorrent A B, u konsegwentament ghalhekk illi l-esponenti qed tuzufurixxi ruha mill-Artikolu 396 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tipproponi kontro-talba f'dawn l-odjerni proceduri.

Salv risposta ulterjuri.

Bl-ispejjes kollha kontra r-rikorrent li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta, li permezz taghha ippremettiet:

1. Illi l-intimata rikonvenzjonanta tixtieq tipprevalixxi ruhha mill-kawza tar-rikorrent rikonvenzjonat sabiex tistitwixxi din il-kontro-talba.

2. Illi permezz tal-iskrittura privata, li giet approvata b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datata 25 ta' Jannar 2011, anness u mmarkat bhala **Dok B** mar-rikors guramentat tar-rikorrent rikonvenzjonat, il-partijiet kienu qablu li l-kura u l-kustodja tal-minuri Y ghandha tkun wahda kongunta, b'dan illi l-minuri tghix mal-esponenti, salv dritt ta' access ghar-rikorrent rikonvenzjonat (klawsola 1).

3. Illi huwa minnu, kif jghid ir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu, illi c-cirkostanzi nbidlu, izda dan mhux bi htija tal-esponenti, izda bl-agir traskurat tar-rikorrent lejn bintu u l-agir ossessiv u l-molestji tieghu lejn l-esponenti, u dan kif ser jigi ppruvat tul il-kors tal-kawza, inkluz bix-

xhieda tal-Pulizija Ezekuttiva dwar ir-rapporti u l-konsegwenti proceduri fil-konfront tal-istess rikorrent rikonvenzjonat.

4. Illi ghalhekk, fl-ahjar interess tal-istess tifla minuri Y, l-esponenti temmen li l-kura u l-kustodja taghha ma ghandhiex tibqa` wahda kongunta izda ghandha tigi moghtija esklussivament lilha.

5. Illi inoltre, fil-hin ta' access tieghu, ir-rikorrent rikonvenzjonat ma jiehux hsieb tat-tifla minuri, b'mod partikolari ta' sahhitha u tal-igiene personali taghha. Fis-sajf mhijiex l-ewwel darba li huwa jehodha mieghu il-bahar u t-tifla tmur lura ghand l-esponenti mahruqa bix-xemx. Spiss, wara li tkun qattghet il-hin ma' missierha, it-tifla tmur lura ghand ommha mahmuga minn rasha sa saqajha u sahansitra darba marret lura ghand l-esponenti biz-zarbun imqatta`.

6. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, kif ukoll ghall-fatt illi r-rikorrent rikonvenzjonat bosta drabi ma jirrispettax il-hinijiet ta' access ampju illi ghandu, b'dan illi johloq incertezza u skonfort f'hajjet l-istess tifla minuri u ommha l-esponenti, l-esponenti thoss illi l-access favur ir-rikorrent rikonvenzjonat ghandu jigi ridott u limitat ghal mhux iktar minn darba fil-gimgha, u supervizjonat minn persuni kompetenti u dan dejjem fl-ahjar interess tas-sahha, l-igiene u l-istat psikologiku tal-istess minuri.

7. Illi r-rikorrent obbliga ruhu illi jhallas retta alimentarja ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25) fil-gimgha ghal bintu minuri, filwaqt li jhallas ukoll nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tat-tifla, izda anke minhabba diffikulta` da parti tal-esponenti illi tippercepixxi dawn l-ammonti, ikun iktar prattiku illi tigi stabbilita retta alimentarja ghola ghall-minuri, li pero` tkun tinkludi wkoll l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, u dan a skans ta' proceduri ulterjuri bejn il-partijiet.

8. Illi wkoll a skans ta' proceduri ulterjuri bejn il-partijiet, ikun opportun li din l-Onorabbli Qorti taghti dawk il-provvedimenti kollha necessarji sabiex ir-rikorrent rikonvenzjonat jonora l-obbligi tieghu relattivi ghall-hlas ta' manteniment ghall-istess bintu minuri Y, stante illi huwa jinsab moruz fil-hlasijiet relattivi ghal diversi xhur.

9. Illi tingibed ukoll l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti lejn id-digriet moghti minn din l-istess Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Mejju 2011 – u li saret referenza ghalih ukoll mir-rikorrent fir-rikors promotur – fejn giet milqugha t-talba tal-istess rikorrent sabiex il-minuri Y ma tkunx esposta ghall-presenza ta' E M. Jinghad f'dan ir-rigward illi l-esponenti dejjem aderixxiet ruhha mal-provvedimenti illi jirregolaw il-kura u l-kustodja tal-minuri msemmija hekk kif stipulati fil-kuntratt tal-15 ta' Dicembru 2010 illi ghadu vigenti bejn il-partijiet. Oltre dan, tingibed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti lejn il-fatt illi l-istess esponenti illum ghandha tarbija minn E M u ghaldaqstant ifformat familja mal-imsemmija terza persuna. In vista ta' dan tidher certament ghal kollox ingusta u irragjonevoli l-ordni moghtija minn din il-Qorti hekk kif hawn indikat, u dan stante illi l-istess tista' biss twassal sabiex l-esponenti jkollha taghmel ghazla impossibbli bejn iz-zewgt itfal taghha stess.

**Talbet** li r-rikorrenti rikonvenjonat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet su-esponenti, tordna u tiddeciedi :

1. Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Y B ghandha tigi fdata esklussivament lill-esponenti ommha C D, b'dan illi l-istess minuri tibqa` tghix ma' ommha u b'dan illi din l-Onorabbli Qorti taghti l-provvedimenti kollha li jidhrilha opportuni inkluz illi tirriforma d-digriet datat 25 ta' Jannar 2011 u l-ftehim ta' bejn il-partijiet li wassal ghall-istess digriet in kwantu inkompatibbli ma' din it-talba, u bi dritt ta' access limitat u supervizjonat favur ir-rikorrenti rikonvenzjonat, jekk ikun il-kaz.

2. Illi r-rikorrent rikonvenzjonat ghandu jhallas lill-intimata rikonvenzjonanta dik ir-retta alimentarja xierqa ghal binthom minuri Y, li tkun tinkludi wkoll sehemu mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni relattivi ghall-istess minuri, inkluz provvediment ghaz-zieda fl-gholi tal-hajja, li ghandhom jithallsu direttament mill-paga tar-rikorrent rikonvenzjonat u b'dan illi tirriforma d-digriet datat 25 ta' Jannar 2011 u l-ftehim ta' bejn il-partijiet li wassal ghall-istess digriet in kwantu inkompatibbli ma' din it-talba.

3. Illi r-rikorrent rikonvenzjonat ihallas dik is-somma illi tigi hekk ordnata minn din l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti l-arretrati ta' manteniment ghall-minuri, li huma dovuti minnu kif hawn fuq spjegat.

4. Illi tbiddel dawk il-partijiet/klawsoli tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet u awtorizzati bid-digriet taghha tal-25 ta' Jannar 2011, li huma necessarji li jinbiddlu sabiex l-interessi tal-minuri Y jkunu salvagwardati ahjar u fl-istess hin ma jkomplix jinholoq stat ta' inkwiet u tensjoni fir-relazzjoni tal-kontendenti qua genituri tal-istess minuri.

5. Thassar u tirrevoka *contrario imperio* d-digriet moghti minn din l-istess Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Mejju 2011.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent rikonvenzjonat, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonata;

Rat ir-risposta guramentata tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta, li permezz taghha eccepixxa : fol 46

1) Preliminarjament jigi rilevat illi l-konvenuta rikonvenzjonata naqset milli tattendi ghas-seduti kollha ta' medjazzjoni, u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika fil-konfront taghha dak ipprovdut fir-regolament 11 tal-Avviz Legali 397/2003 kif sussegwentement emendat.

2) Illi l-ewwel talba tal-konvenuta rikonvenzjonata ghandha tigi michuda *in toto*, u dana peress li jmur kontra l-interess suprem tal-minuri li l-kura u kustodja taghha tigi fdata lilha esklussivament, anzi tali kura u kustodja ghandha tigi fdata esklussivament lir-rikorrent rikonvenut.
3) Illi konsegwentement it-tieni talba, t-tielet talba w l-hames talba tal-konvenuta rikonvenzjonata ghandhom jigu michuda, u dan peress li l-minuri ghandha tirrisjedi mar-rikorrent rikonvenut.
4) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ghar-rigward it-tieni talba tal-konvenuta rikonvenzjonata dwar il-varjazzjoni tar-retta alimentarja w spejjez dwar edukazzjoni u sahha, ma jezistu l-ebda ragunijiet validi ghala l-arrangament milhuq mill-partijiet fil-ftehim li gie nkorporat f'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 25 ta' Jannar 2011 ghandu jigi varjat minn din l-Onorabbli Qorti. *Di piu*, c-cirkostanzi tal-kontendenti minn din id-data tal-iffirmar tal-imsemmi ftehim baqghu dawk illi kienu, u ma nbidel xejn.
5) Illi wkoll minghajr pregudizzju t-tieni u tielet talba tal-konvenuta rikonvenzjonata ghandhom jigu michuda w dana peress li l-manteniment dejjem thallas puntwalment.
6) Illi r-rikorrent rikonvenzjonat ma jopponiex ghar-raba' talba in kwantu fejn il-konvenuta rikonvenzjonata talbet lil din l-Onorabbli Qorti tbiddel dawk il-partijiet/klawsoli tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet u awtorizzat bid-digriet taghha tal-25 ta' Jannar 2011, li huma necessarji li jinbidlu sabiex l-interessi tal-minuri Y jkunu salvagwardati ahjar u fl-istess hin ma jkomplix jinholoq stat ta' inkwiet u tensjoni fir-relazzjoni tal-kontendenti *qua* genituri tal-istess minuri, madanakollu t-tibdiliet ghandhom isiru ghal dawk ir-ragunijiet *premessi fir-rikors mahluf ipprezentat mir-rikorrent rikonvenzjonat.*
7) Illi in kwantu ghall-hames talba tal-konvenuta rikonvenzjonata, din hija proceduralment insostenibbbli stante illi d-digriet datat 15 ta' Mejju 2011 moghti minn din l-Onorabbli Qorti ma jistax jigi mhassar u revokat permezz ta' kontro-talba, izda biss b'kawza *ad hoc*, u ghaldaqstant din it-talba ghandha wkoll tigi michuda.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur rikonvenzjonat;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Gabrielle Buttigieg.

Rat l-affidavits u d-dokumenti esebiti u semgħet ix-xhieda.

Rat ir-rapport redatt mill-Ħaddiema Soċjali Therese Micallef[1] wara n-nomina tagħha b'digriet tal-Qorti ddatat id-9 t' April 2014[2];

Rat illi l-partijiet laħqu ftehim dwar il-mertu tal-kawża odjerna u ppreżentaw abbozz tal-istess ftehim.

Ikkunsidrat illi l-istess ftehim huwa ta' benefiċċju għall-minuri Y B u jinkorpora l-aspetti kollha legali relattivi għall-kura, kustodja, aċċess u manteniment tagħha u għaldaqstant il-Qorti diġa approvat l-istess abbozz permezz ta digriet iddatat it-22 ta' Diċembru 2016[3].

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2017[4], il-partijiet talbu li l-istess ftehim ikun inkorporat fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti.

## Deċide

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi fuq ftehim bejn il-partijiet tordna li gej :

---

[1] Fol. 158

[2] Fol. 156

[3] Fol. 185

[4] Verbal fol. 186

1. Il-kura u l-kustodja tal-minuri Y B hija vestita esklussivament f'idejn l-attur, u għalhekk il-minuri ser tibqa' tirrisjedi mal-attur fir-residenza tiegħu. Il-partijiet qegħdin jaqblu li d-deċiżjonijiet ta' edukazzjoni u saħħa kemm ordinarji u kif ukoll straordinarji għandhom jittieħdu esklussivament mill-attur.

2. Illi l-konvenuta taqbel u taċċetta li ebda aċċess mhu ser jiġi miftiehem favuriha. Il-konvenuta tiddikjara illi tali rinunzja da parti tagħha hija definittiva u rrevokabbli u tibqa' valida u veljanti anke jekk ikun hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi rispettivi tal-partijiet.

3. Illi l-attur jaqbel u jaċċetta li ebda manteniment ma hu dovut mill-konvenuta versu l-minuri. L-attur jiddikjara illi tali rinunzja da parti tiegħu hija definittiva u rrevokabbli u tibqa' valida u veljanti anke jekk ikun hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi rispettivi tal-partijiet.

4. Illi l-attur qiegħed jassumi l-obbligu li jmantni lil bintu minuri direttament hu fil-bżonnijiet kollha tagħha, inkluż għal dawk li huma spejjeż ta' edukazzjoni, saħħa, mediċini u extra kurrikulari kemm ordinarji u straordinarji u kull spiża oħra li l-minuri tiġi bżonn mingħajr ebda dritt ta' rifużjoni u/jew rivalsa kontra l-konvenuta.

5. Illi l-partijiet jiddikjaraw li m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment u spejjeż oħra dovuti lil xulxin favur l-imsemmija bint minuri.

6. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children's allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attur.

7. Il-partijiet qegħdin jaqblu li l-minuri għandu jkollha passaport f'isimha, li għandu jinżamm mill-attur. Din l-istipulazzjoni titqies ukoll illi tgħabbi lill-partijiet bid-dmir illi jottjenu passaport għall-minuri u li jqisu illi binthom ikollha dejjem passaport validu. Għalhekk f'każ ta' inadempjenza ta' waħda mill-partjiet, il-parti l-oħra jkollha d-dritt illi titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti għall-ħruġ ta' passaport mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens tal-parti l-oħra. Il-konvenuta qed tagħti minn issa l-kunsens tagħha lill-attur sabiex japplika waħdu għall-passaport tal-minuri Y B u wkoll qed tagħti l-kunsens tagħha sabiex isiefer bil-minuri Y B.

8. Illi fl-eventwalita` li jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fuq xi dispożizzjoni ta' din is-sentenza, il-partijiet qegħdin jaqblu li jirrikorru għand il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi kull kwistjoni li tinqala' bejn il-partijiet.

L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.